MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru. 805/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Grezzju Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Grezzju Abela, ta' 56 sena, iben Karmenu u Emanuela nee' Caruana, imwieled l-Isla fis-26 ta' Gunju, 1951 u residenti f' indirizz mhux maghruf u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 496351M.

Akkuzat talli:

Fis-26 ta' Settembru, 2007 ghal habta ta' xi 12:15pm fi Triq San Dwardu, Birgu, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni, izda li minghajr il-hsieb li joqtol

jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, fuq il-persuna ta’ Michelle Bartolo mill-Kalkara u John Bartolo mil-Kalkara wkoll, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta’ tal-hati, u dan b’arma, strument jew ghodda irregolari (injama) u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64, 214, 216, 217 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq Michelle Bartolo u John Bartolo skond ma ccertifikaw Dr.N.Aquilina MD (Reg 3007) u Dr.M.Grech (Reg. 2565) mill Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt ura dan il-hsieb b’atti esterni u cioe’ ipprova jaghmel hsara fuq vettura bin-numru. KAL 383 ghad-dannu ta’ John Bartolo liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta’ tal-hati u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq vettura Nru IAJ 567 b’maniera traskurata, negligenti u perikoluza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq vettura Nru. IAJ 567 b’giri aktar milli jmissu u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 127 tal-MVR.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecendi jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provduti fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi heddet bi hwejjeg iebsin (arma/injama) lil Michelle Bartolo

u John Bartolo u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u hin hebb ghal Michelle Bartolo u John Bartolo sabiex jingurjahom, iddejjaqhom, jew jaghmilhom hsara u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta’ Michelle Bartolo u John Bartolo weggahom bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi imbotta lil l-imsemmija Michelle Bartolo u John Bartolo sabiex iwweggahom jew jinsulenthom u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fil-25 ta’ Settembru, 2007 ghal habta ta’ xi 10:10am fi Triq is-Salvatur, Kalkara, bil-hsieb li jaghmel delitt ura dan il-hsieb b’atti esterni, izda li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, fuq il-persuna ta’ Kimberly Mizzi mill-Kalkara, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tal-hati, u dan b’arma, strument jew ghodda irregolari (Vettura nru: IAJ567) u dan bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 64, 214, 216, 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi saq vettura Nru IAJ 567 b’maniera traskurata, negligenti u perikoluza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi saq vettura Nru: IAJ 567 b’giri aktar milli jmissu u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 127 tal-MVR.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi hedded bi hwejjeg iebsin(arma/injama) lil Kimberly Mizzi u

dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u hin hebb ghal Kimberly Mizzi sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmilha hsara u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta’ Kimberly Mizzi weggghaha bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta’

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Michelle Bartolo, Kimberly Mizzi u John Bartolo u l-familjari taghhom u tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta..

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux inqas minn tlett xhur.

U aktar talli b’hekk sar recediv b’sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan ai termini ta’ l-artikolu 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 64, 216, 221(1)(2), 252(1), 325, 338(bb), 339(1)(b)(d)(e)(l), 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 127 ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal zewg episodji li sehhew fil-25 u fis-26 ta’ Settembru 2007.

Illi mill-ewwel ghandu jigi rilevat li l-verzjonijiet mghotija mill-partijiet koncernati mhux biss huma kunfliggenti imma huma fil-bicca l-kbira inveritjieri. John Bartolo mhux biss ikkontradica lilu nnifsu waqt id-depozizzjoniijet li ta, imma gie anke kontradett minn bintu Michelle Bartolo; l-imputat jikkontradici lilu nnifsu fil-verzjonijet mghotija f’l-istqarrija u meta xehed il-Qorti, apparti li huwa kontradett ukoll minn Michelle Bartolo. Fil-fatt l-unika persuna li tista tinghata kredibilita hija l-parte leza Michelle Bartolo.

Illi huwa relevanti ukoll l-kuntest “familjari” li fih sehhew dawn l-incidenti u li jiffurmaw parti minn sensiela ta’ incidenti li fil-fatt ghadhom sejrin.

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi rilevat ukoll li l-imputazzjonijiet huma bazati fuq il-verzjoni ta’ fatti li kienet giet mghotija lill-pulizija fid-data ta’l-incidenti koncernati; dawn il-verzjonijiet pero gew jew kontradetti jew adirittura ritrattati pendente lite; fil-fatt mas-smiegh tal-provi irrizulta xenarju differenti minn dak rakkontat lill-pulizija.

Illi dwar l-incident li sehh fil-25 ta’ Settembru 2007 li jirrizulta huwa li meta Kimberly Mizzi kienet sejra ghax-xoghol fil-ghodu harget mid-dar u bdiet miexja lejn il-venda tal-linja; hi ma kenitx mixja fuq il-bankina imma fit-triq ma’ genb il-karozzi ipparkjati; it-triq mhiex wahda wisgha; omm Kimberly, cioe Michelle Bartolo, kienet qeghda fil-gallarija tara lil bintha. Waqt li Kimberly kienet miexja gie l-imputat bil-karozza tieghu “bi speed” tant li Michelle Bartolo li kienet qed tara kollox mill-gallarija bezghet ghal bintha, ghajjtietilha u nizlet biex akkompanjat lill bintha sal-venda u wara baqghet sejra l-ghassa taghmel rapport. L-imputat f’l-ebda hin ma waqqaf jew naqqas il-velocita u kompla sejjer fi triqtu.

Illi mill-kumpless tal-provi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kien ghaddej bi speed ecessiv u li kien traskurat fis-sewqan; sewwieq diligenti ma jsuqx b'velocita aktar milli missu partikolarment fi triq dejqa meta hemm in-nies f'nofs tat-triq.

Illi pero dwar dan l-incident ma jirrizultawx l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat.

Illi dwar l-incident li sehh nhar is-26 ta' Settembru 2007 jirrizulta li fil-hin in ezami John Bartolo u bintu Michelle Bartolo kienu sejrin l-ghassa ta' Bormla; kien qed isuq John Bartolo. L-imputat kien gej mid-direzzjoni opposta u ghal xi raguni meta rahom, dawwar u mar ghal warajhom, lahaqhom u habat maghhom. L-imputat hareg mill-vettura tieghu u mar ghal fuq il-vettura ta' John Bartolo. Dan min-naha tieghu qabad xokk li kellu fil-karozza u bdew jissaraw mit-tieqa tal-bieba tax-xufier; Bartolo kien fil-karozza u l-imputat kien barra. Michelle Bartolo bdiet tinkwieta ghal missierha u harget mill-vettura biex twaqqaf lill-imputat li kien lahaq ha x-xokk f'idejh. Hi marret ghal fuq l-imputat biex tohodlu x-xokk pero l-imputat spicca jissara maghha ukoll; fit-taqbiedha bejn l-imputat u Michelle Bartolo din waqat ma'l-art u wara anke qalet daqqa bix-xokk tant li regghet waqat mal-art u ntilfet minn sensieha.

Illi waqt li kienu qed jissaraw l-imputat u Michelle Bartolo, John Bartolo hareg mill-karozza u mill-booth ta' wara hareg katina u beda mixi lejn l-imputat u bintu; malli raha ma'l-art hu mar jghatiha l-ghajuna. Propju dak il-hin intervjena pulizija li kien fil-vicinanzi u s-sitwazzjoni giet ikkontrollata.

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li ghalkemm kemm ix-xokk u l-katina kienu ta' John Bartolo u harieghom hu, dan l-incident gie originarjament provokat mill-imputat.

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li ghal dak li jirrigwarda dan it-tieni incident l-imputat huwa responsabbli ta' sewqan traskurat, li hebb ghall-istess Michelle Bartolo u

John Bartolo, li imbotta lill Michelle Bartolo u ghall-griehi li soffriet l-istess Michelle Bartolo.

Illi dwar l-addebietu tar-recidiva ma ngiebet l-ebda prova.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 221(1) 339(1)(d)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Michelle Bartolo, tar-raba imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat, tat-tmien imputazzjoni u ta'l-ghaxar imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Michelle Bartolo u taghhom tikkundannah multa ta' €500, issib lill-imputat hati ukoll tat-tnax u t-tlettax il-imputazzjoni u taghhom tikkundannah multa ta' €150. Il-Qorti ma ssibux hati ta'l-imputazzjonijet l-ohra kollha u tilliberah minnhom.

Il-Qorti in oltre biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Michelle Bartolo u John Bartolo tobbliga lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena li ma jdejjaqx jew jimmolestax lill-imsemmija persuni taht penali ta' elf Euro (€1000).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------